*ART 36 KOSTITUZZJONI TA' MALTA*

*ART 3 KONVENZJONI EWROPEA*

*ART 2 TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA*

*LIFE IMPRISONMENT*

*PREROGATTIVA TAL-MAHFRA PRESIDENZJALI*

*PRISON LEAVE*

*ART 493 U 494 TAL- KAP 9*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 38/2017/LSO**

**Albert Ellul (KI 132947M)**

**vs**

**L-Avukat Generali tar-Repubbllika**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ Albert Ellul detentur tal-karta identita` bin-numri 132947M residenti gewwa l-Habs ta' Kordin, datat 22 ta’ Mejju 2017 fejn espona: -

Illi permezz ta' sentenza tal-21 ta' Ottubru 1997 tal-Qorti Kriminali l-esponenti instab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u sussegwentament gie kkundannat ghall-prigunerija ghal ghomru, ordnat Il-konfiska tal-*corpus delicti* esebit u kkundannatu sabiex fi zmien sitt xhur mis-sentenza jhallas lir-Registratur elf u tlieta u sebghin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1073.25) spejjes konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.

Illi fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 493 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn irrakkomandat li l-perjodu minimu ta' inkarcerazzjoni ghandu jkun dak ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Tali rakkomandazzjoni giet moghtija b'ittra lill-esponenti u konsegwentament giet mizmuma mill-awtoritajiet tal-habs.

Illi l-esponenti ilu inkarcerat mit-18 ta' Mejju 1992. Dan ifisser illi sal-gurnata tal-lum l-esponenti ilu nkarcerat aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Illi sal-gurnata tal-lum l-esponenti qatt ma inghata xi tip ta' opportunita' li jikseb il-liberta`.

Illi dan in-nuqqas ta' prospett ta' helsien imur kontra d-Drittijiet Umani u dan minhabba l-fatt illi tali ikarcerazzjoni tammonta ghal wahda inumana u dan hekk kif ritenut f'diversi okkazjonijiet mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-prospett ta' helsien irid ikun possibli kemm *de jure* u kif ukoll *de facto*. Fuq dan il-punt din l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet Vinter and Others v. The United Kingdom taht il-paragrafu 119 tas-sentenza qalet hekk "*For the foregoing reasons, the Court considers that, in the context of a life sentence, Article 3 must be interpreted as requiring reducibility of the sentence, in the sense of a review which allows the domestic authorities to consider whether any changes in the life prisoner are so significant, and such progress towards rehabilitation has been made in the course of the sentence, as to mean that continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds*."

Illi l-esponenti ghandu jigi avzat b'tali revizjoni u bir-rekwiziti ghal helsien minn meta jibda' jiskonta s-sentenza u dan hekk kif sahqet il-Qorti ta' Strassburg fil-paragrafu 122 tas-sentenza fuq citata:

*"A whole life prisoner is entitled to know,* ***at the outset of his sentence,*** *what he must do to be considered for release and under what conditions, including when a*

*review of his sentence will take place or may be sought. Consequently, where domestic law does not provide any mechanism or possibility for review of a whole life sentence, the incompatibility with Article 3 on this ground already arises at the moment of the imposition of the whole life sentence and not at a later stage of incarceration"* (enfasi tal-esponenti).

Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fuq citata irritjenit ukoll illi apparti li l-piena ta' ghomor il-habs trid tkun *de jure* u *de facto* riducibbli, l-Istat ghandu wkoll ikollu fis-sehh sistema ta' revizjoni ta' din is-sentenza. Din il-Qorti ta' Strassburg irritjeniet taht il-paragrafu 120 tas-sentenza illi tali revizjoni ghandha issir ma' l-gheluq ta' hamsa u ghoxrin sena ta' inkarcerazzjoni:

*"However, the Court would emphasise that, having regard to the margin of appreciation which must be accorded to Contracting States in the matters of criminal justice and sentencing (see paragraphs 104 and 105 above), it is not its task to prescribe the form (executive or judicial) which that review should take. For the same reason, it is not for the Court to determine when that review should take place. This being said, the Court would also observe that the comparative and international law materials before it show clear support for the institution of a dedicated mechanism guaranteeing a review* ***no later than twenty-five years*** *after the imposition of a life sentence, with further periodic reviews thereafter (see paragraphs 117 and 118 above)."* (Enfasi tal-esponenti)

Illi l-istess gie konkluz fis-sentenza ta' Vinter and Others vs United Kingdom fejn il-Qorti Ewropea ghail-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem sahqet illi:

*"However, the Court would emphasise that, having regard to the margin of appreciation which must be accorded to Contracting States in the matters of criminal justice and sentencing (see paragraphs 104 and 105 above), it is not its task to prescribe the form (executive or judicial) which that review should take. For the same reason, it is not for the Court to determine when that review should take place. This being said, the Court would also observe that the comparative and international law materials before it show clear support for the institution of a dedicated mechanism guaranteeing a review* ***no later than twenty-five years*** *after the imposition of a life sentence, with further periodic reviews thereafter (see paragraphs 117 and 118 above)."* (Enfasi tal-esponenti) (*sic* dan il-paragrafu huwa ripetut.)

Illi l-esponenti ma ghandux possibilta` ta' tnaqqis tal-piena kemm *de facto* u kemm *de jure*.

Illi l-Istat Malti ma ghandux sistema ta' evaluazzjoni fejn persuna kkundannata ghal ghomorha l-habs jista' jkollha r-revizjoni ta' din il-piena.

Illi dan ikkonfermatu l-Qorti Kostituzzjoriali fis-sentenza fl-ismijiet Ben Ali Wahid Ben Hassine v. L-Onorevoli Prim

Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika tas-7 ta' Novembra 2016 fejn sahqet:

"50. Sabiex sentenza ghall-ghomor tkuri **kompatibbli** mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jehtieg li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita' ta' revizjoni tas-sentenza.

51. Ghar-ragunijiet fuq moghtija, kemm id-dispozizzjonijiet dwar *prison leave* kif ukoll il-prerogattiva ta' mahfra presidenzjali ma jissodisfawx ir-rekwiziti mehtiega sabiex jikkwalifikaw bhala mekkanizmu ta' revizjoni ta' sentenza ghall-ghomor li permezz tieghu jkun jista' jigi stabbilit, fuq il-bazi ta' kriterji oggettivi li jkunu maghrufa mill-prigunieri meta jigu biex jiskontaw is-sentenza taghhorn, jekk sehhewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna kkundannata u sehhx fiha progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni b'tali mod illi d-detenzjoni taghhom ma tibqax gustifikata jew inkella li l-piena taghhom ghandha tigi ridotta."

Illi sussegwentament dina l-istess Onorabbli Qorti ipprocediet sabiex tiddikjara li s-sentenza ta' ghomor il-habs kienet leziva fid-drittijiet fundamentali tal-attur f'dak il-kaz.

Illi l-istess Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza sucitata fis-sentenza fl-ismijiet Ben Ali Wahid Ben Hassine v. L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika tat-28 ta' April 2017 ordnat illi ssir revizjoni tas-sentenza u

dan fid-dawl li l-attur f'din il-kawza kien diga` skonta hamsa u ghoxrin sena ikkarcerat:

**"[tenut] kont li l-attur diga` skonta 25 sena mill-piena imposta fuqu ta' ghomor prigunerija,** din il-Qorti bil-ghan li ma tibqax tissussisti vjolazzjoni tal-Artikolu 36[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna li fi zmien xahar mil-lum l-attur jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole kif illum kompost u imwaqqaf bl-Artikolu 8 tal-att dwar il-Gustizzja Riparatrici (Kap. 516 tal-Ligijiet ta' Malta) [...]" (enfasi tal-esponenti)

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Albert Ellul" tal-21 ta' Ottubru 1997 hekk kif ikkonfermata b'dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005 tivvjola d-drittijiet fondamentali tieghu senjatament l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tai-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u cioe` d-dritt tal-helsien mit-tortura u trattament inuman ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

2. Tiddikjara li n-nuqqas ta' possibbilta` fis-sistema legali Maltija ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b’mod ragenevoli tmur kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif inghad fit-talba precedenti.

3. Konsegwentament taghti dwak ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni nkluz il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2017 fil-10:45am., u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-intimat b’ ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta.

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tar-Repubblika datata 6 ta’ Gunju 2017 a fol 10 tal-process fejn espona bil-qima:**

1. Illi fl-ewwel lok l-isem ufficjali tar-rikorrent mhuwiex dak imnizzel fl-okkju tal-kawza. Ikun ghalhekk ahjar li isem ir-rikorrent jigi msewwi kif suppost biex ma jinqalghux problemi aktar tard fl-effikacja tal-gudizzju;

2. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali, l-esponent b'kuxjenza kwieta jtenni li l-piena li wehel ir-rikorrent ghad-delitti koroh li wettaq kienet piena ghal kollox gusta u proporzjonata. Tassew ir-rikorrent kien haqqu jehel ghomru l-habs talli b'mod kiefer li kexkex lil Malta kollha, ghogbu jnehhi l-hajja ta' tlett persuni, wiehed minnhom sahansitra tifel zghir ta' seba' snin u talli prova joqtol ukoll persuna ohra izda ma rnexxielux fil-pjan tieghu ghar-ragunijiet lil hinn mir-rieda tieghu;

3. Illi la taht **l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u lanqas taht **l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** ma hemm xejn li jzomm milli tinghata piena ta' ghomor il-habs ghal delitti bhal dawk li gew imwettqa mir-rikorrent. Kemm hu hekk fis-sentenza ta' ***Vinter u ohrajn vs. Ir-Renju Unit*** imsemmija mir-rikorrent stess inghad li,"*Contracting States must also remain free to impose life sentences on adult offenders for especially serious crimes such as murder: the imposition of such a sentence on an adult offender is not in itself prohibited by or incompatible with Article 3 or any other Article of the Convention";*

4. Illi f’dan il-kuntest ghalhekk l-esponent ma jaqbilx mar-rikorrent li l-piena li nghatatlu kienet wahda inumana jew degradanti. Huwa sewwasew l-ghemil tieghu li fil-verita` kien jikkostitwixxi ghemil kontra l-umanita` u kontra t-trattament xieraq;

5. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent lanqas ma jaqbel mar-rikorrent li s-sistema Maltija ma tipprovdix ghal mekkanizmu ta' revizjoni fil-piena f’kaz ta' persuna kkundannata ghal ghomor il-habs. Tabilhaqq **l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** taghti s-setgha lill-President ta' Malta mhux biss li jnaqqas il-piena izda li anke jahfirha kompletament;

6. Illi ghalkemm huwa minnu li din id-dispozizzjoni **tal-Kostituzzjoni** ma tfissirx il-kriterji li ghandu joqghod fuqhom il-President, madankollu huwa ghandu l-gurisprudenza lokali u barranija biex tghinu kif ghandu

jwettaq dawn is-setghat tieghu (ara ***Hutchinson vs. Ir-Renju Unit*** deciza mill-Qorti Ewropea fit-3 ta' Frar 2015 li taffiet mhux ftit il-hsieb espress fis-sentenza ta' ***Vinter u ohrajn vs. Ir-Renju Unit)****;*

7. Illi barra minn hekk il-Qorti Ewropea fis-sentenzi taghha taghraf illi sentenzi ta' ghomor il-habs jistghu jigu meqjusa bhala riducibbli taht **il-Konvenzjoni Ewropea** jekk prigunier ikun moghti l-opportunita` biex japplika ghar-"*release* on *licence". Sewwasew* fis-sistema Maltija skont **ir-regolament 61** tar-Regolamenti dwar il-Habs **(Legislazzjoni Sussidjarja 260.03)** prigunier jista' jkun intitolat ghal-*leave* mill-habs. Ghalhekk anke din il-possibbilta` xxejjen l-ilment kostituzzjonali/konvenzjonali tar-rikorrent;

8. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu li ntqal hawn fuq, anke jekk ghall-gieh tal-argument jinstab li b'mod teoretiku r-rikorrent sofra xi lezjoni kostituzzjonali/konvenzjonali, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi li taghhom instab hati r-rikorrent, wiehed ma jistax b'kuxjenza kwieta jaghti xi kumpens fi flus lir-rikorrent meta anke r-rikorrent jaf, jekk irid ikun sincier mieghu nnifsu, li dawn kellhom ezitu xieraq u skont il-haqq. Wara kollox id-drittijiet fundamentali huma mahsuba biex jipprotegu lill-kommunita` u mhux biex jigu uzati bhala ghodda halli b'hekk tigi sanzjonata d-delinkwenza u l-kriminalita`. Inkella d-drittijiet fundamentali minn protezzjoni isiru theddida ghas-socjeta`. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li

l-vittmi u l-familjari taghhom ukoll ghandhom jeddijiet fundamentali li jridu jigu mharsa bhal bqija tas-socjeta`;

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2017 (fol 13) fejn il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tar-rikors promotur billi l-isem “Bertu” jigi sostitwit bl-isem “Albert”, u l-intimat jaghti ruhu b’ notifikat bir-rikors kif korrett. Il-Qorti ordnat li ssir l-allegazzjoni tal-atti tal-proceduri kriminali fl-atti tal-kawza “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Albert Ellul”. Il-Qorti halliet il-kawza ghal dan l-iskop u sabiex itella’ xhieda *viva voce* ghas-6 ta’ Lulju 2017 fl-10:00am.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Bertu Ellul detentur tar-karta tal-identita` bin-numru 132947M residenti gewwa l-Habs ta’ Kordin datata 16 ta’ Novembru 2017 a fol 28 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tar-Reppubblika datata 24 ta’ Novembru 2017 a fol 43 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, l-11 ta’ Jannar 2018 fejn meta issejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Larry Formosa, u Dr Christian Mifsud Scerri ghall-Avukat Generali. Dr Larry Formosa gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta'

Novembru 2017 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs David Norbert Schembri" fejn din il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2016 u kif ukoll ghall-provvediment ulterjuri moghti mill-istess Qorti tat-28 ta' April 2017, u fid-dawl ta' din is-sentenza ordnat illi wara 25 sena ta' inkarciment issir revizjoni tal-piena tal-hati. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghall-10 ta' April 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li sofra vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghall-protezzjoni tal-helsien mit-tortura u trattament inuman u degradanti kif sancit permezz tal-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** - 'il quddiem imsejha "**il-Kostituzzjoni"-** u **tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tai-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali "** (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta). **-** iktar 'il quddiem imsejjah **"il-Konvenzjoni.** L-ilment tieghu jistrieh fuq zewg binarji billi qed jghid li s-sentenza tieghu ta' piena ta' ghomor il-habs hija lesiva tad-dritt imsemmija; u fit-tieni lok, li hemm vjolazzjoni wkoll billi s-sistema legali Maltija ma tipprovdix ghall-mekkanizmu ta' revizjoni ta' sentenza tal-ghomor il-habs. Konsegwentament qed jitlob li jinghata rimedji xierqa u effettivi nkluz il-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Illi l-Avukat Generali rrespinga t-talbiet fil-mertu billi sahaq li l-kundanna imposta fuq ir-rikorrent kienet wahda gusta u proporzjonata ghall-gravita' tar-reat kommess minnu; li kundanna ta' ghomor il-habs ghad-delitt ta' pluri-omicidju mhix fiha nnifisha lesiva tal-artikoli citati mir-rikorrent; li mhuwiex minnu li l-piena li nghatat lir-rikorrent kienet wahda inumana jew degradanti; li s-sistema Maltija tipprovdi ghal mekkanizmu ta' revizjoni fil-piena f'kaz ta' persuna kkundannata ghal ghomor il-habs b'referenza ghas-setgha tal-President ta' Malta li jnaqqas il-piena jew jaghti il-mahfra; inoltre sentenzi ta' ghomor il-habs jistghu jigu meqjusa bhala riducibbli taht **il-Konvenzjoni Ewropea** jekk prigunier ikun moghti l-opportunita` biex japplika ghar-"*release* on *licence" (*ir-regolament 61 tar-Regolamenti dwar il-Habs (Legislazzjoni Sussidjarja 260.03); li minghajr pregudizzju ir-rikorrent m'ghandux b'kuxjenza kwieta jinghata kumpens fi flus jekk jinstab li sofra xi lezjoni.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali giet sorvolata bil-korrezzjoni ordnata fl-okkju tal-kawza u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.

**Fatti**

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-kwestjoni mqajma mir-rikorrent tirrigwarda s-sentenza ta' sejbien tal-ħtija u l-għoti tal-piena tal-għomor fil-ħabs b'riżultat ta' dak is-sejbien in kwantu li s-sentenza, u l-qafas legali f'pajjizna

ma jipprovdux ghall-prospett ta' helsien f'kaz ta' ripentiment u rijabilitazzjoni.

Infatti r-rikorrent mhuwiex qed iressaq xi ilment dwar l-aspetti sostantivi tas-sentenza ta' sejbien ta' htija izda dwar karenza sistemika fil-qafas legali taghna li ma toffrix mekkanizmu oggettiv, ggwidat b'kriterji pre-stabbiliti, li jaghtu l-possibilita' lil min hu kkundannat b'sentenza ta' ghomor il-habs li jinheles.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali wara fil-21 ta' Ottubru 1997 wara verdett moghtija mill-gurati, r-rikorrent gie misjub hati ta' l-omicidju volontarju ta' Anthony sive Twanny Baldacchino, ta' Marie Rose sive Rose Baldacchino u ta' Antonio sive Antoine Baldacchio, kif ukoll tat-tentattiv omicidju volontarju ta' Carmen Azzopardi b'arma tan-nar, u ikkundannatu ghal sentenza ta' prigunerija ghall-ghomru.

Illi l-Qorti Kriminali ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-artikolu 493 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u rrakkommandat li l-perjodu minimu ta' inkarcerazzjoni ghandu jkun dak ta' hamsa u ghoxrin (25) sena.

Illi r-rikorrent kien appella minn dik is-sentenza *inter alia* fuq il-kap tal-piena. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, f'sentenza tal-14 ta' Lulju 2005 ma sabitx li kien hemm ragun biex tiddisturba l-piena inflitta fuqu u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali wara li kkonsidrat:

*"Din il-Qorti ezaminat is-sottomissjonijiet li saru fir-rikors ta' appell kif ukoll ikkunsidrat is-sottomissjonijiet verbali li saru quddiemha mill-abbli difensur ta' l-appellant. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti certament taqa' fil-parametri tal-ligi, ghalkemm fil-massimu possibbli. Pero` din il-Qorti hi disturbata mill-gravita` ta' dan il-kaz li huwa sintomatiku tal-vjolenza esagerata li xi kultant tisventra l-ordni pubbliku u t-trankwillita` ta' pajjizna. Ghalhekk meta jigru kazijiet bhal dak in dizamina, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa. U bhalma qalet din il-Qorti f'***Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici*** *fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: 'Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."*

**Provi**

Ir-rikorrent xehed b'affidavit (fol 19) u qal li ilu kkarcerat mit-18 ta' Mejju 1992. Meta gie inkarcerat ma inghatax xi *sentence plan* jew tawh xi programm li seta' isegwi u lanqas gie infurmat li kien hemm xi possibilita' ghar-revizjoni tas-sentenza minnkejja li skonta aktar minn 25 sena mill-piena li kien iz-zmien minimu rakkommandat mill-Qorti Kriminali.

In **Kontro-ezami**[1] xehed li ma jafx jikteb izda li l-affidavit gie moqri lilu. Qal li qatt ma talab pjan dwar is-sentenza lill-awtoritajiet jew xi informazzjoni dwar revizjoni tas-sentenza, jew mahfra lill-President ta' Malta.

Xehdet **Dr Elizabeth Quintano**[2] Assistent Registratur fil-Qorti Kriminali u kkonfermat li ma sabet xejn fil-process tar-rikorrent li jindika li kien sar xi *review* tas-sentenza tieghu lanqas fit-termini tal-artikou 493 tal-Kodici Kriminali.

Xehdet **Saviour Lia**[3] in rapprezentanza tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u qal li huwa *Correctional Manager* fil-*Care Reintegration Unit.* Xehed li ma rcevew l-ebda rakkommandazzjoni skont l-artikou 493 tal-Kap 9, u qal li ma kellhomx xi rakkommandazzjoni rigward revizjoni tas-sentenza. Ghal dak li jirrigwarda l-imgieba tar-rikorrent, xehed li mhemmx rapporti dwar dixxiplina u li l-imgieba tieghu fil-habs kienet impekkabbli.

In **kontro-ezami**[4] spjega li prigunier jista' ghal ragunijiet diversi, japplika biex jinghata *leave* specjali li jkun perjodu fejn ghal ftit hin johrog mill-facilita' ghall-okkazzjoni partikolari jew ghal bzonn. Ir-rikorrent ibbenefika minn din il-fakolta madwar darbtejn fis-sena fejn ikun hemm okkazzjonijiet specjali tal-familja.

[1] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2017
[2] Seduta tas-6 ta' Lulju 2017
[3] Seduta tas-6 ta' Lulju 2017
[4] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2017

Qal li ma rrizultalux li r-rikorrent kien issottometta ruhu ghal xi ezami psikologiku jew mentali.

Giet esebita tramite l-Avukat Generali nota tal-*prison leave* mehud mir-rikorrent (Dok **SL** (fol 40) minn fejn jirrizulta li bbenefika minn *prison leave* mis-sena 2008 sabiex jattendi f'okkazzjonijiet bhal dawk ta' gheluq snin ibnu jew xi maghmudija, b'kollox tnejn u ghoxrin (22) darba.

**DRITT**

**Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni - Il-Mahfra Presidenzjali**

"93. *(1) Il-President ikollu s-setgħa li -*

*(a) jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi jew tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;*

*(b) jagħti lil xi persuna sospensjoni, sew indefinita jew għal perijodu speċifikat, dwar l-esekuzzjoni ta' xi kundanna mogħtija lil dik il-persuna għal xi reat;*

*(ċ) jissostitwixxi forma ta' piena anqas ħarxa minflok xi piena imposta fuq xi persuna għal xi reat; jew*

*(d) jaħfer fl-intier tagħha jew f'parti minnha kull kundanna mogħtija lil xi persuna għal reat jew għal xi penali jew konfiska li xort'oħra tkun dovuta lill-Istat minħabba f'xi reat.*

**Kodici Kriminali (Kap 9) tal-Ligijiet ta' Malta:**

**L-artikolu 493 tal-Kap 9** jiddisponi: "*Wara li tikkundanna persuna għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista' tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, l-inqas żmien li fil-fehma tagħha għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' taraha l-persuna li tkun ġiet ikkundannata, u kopja tagħha tinżamm mir-reġistratur".*

**L-artikolu 494** jiddisponi: *Kull imħallef li jkun qagħad f'kawża jista' jirrakkomanda lill-President ta' Malta il-persuna ikkundannata għall-maħfra jew għat-tnaqqis tal-piena, billi jagħmel għaldaqshekk rapport bil-miktub imsaħħaħ bir-raġuni ta' dik ir-rakkomandazzjoni."*

**Regolamenti Dwar il-Habs S.L. 260.03**

*"61. (1) Leave mill-habs* jista' *jinghata mid-Direttur, skont dawk id-direttivi generali li jistghu jinghataw mill-Ministru minn zmien g]al zmien, lil prigunier taht dawk il-kundizzjomijiet li d-Direttur jista' jiddeciedi skont dawk id-direttivi kif gej:*

*(a) ghal perijodu ta' mhux izjed mimn tnax-il siegha fl-okkazjoni tat-twelid, zwieg, jew okkazjoni ohra specjali tal-familja ta' ulied jew ulied ulied il-prigunier jew fl-kkazjoni specjali tal-familja tal-konjugi tal-prigunier, inkluzi dawk konnessi ma' qarib vicin;*

*(b) (i) ghal ragunijiet kompassjonevoli ghal perijodu li d-Direttur jikkunsidra li jkun zmien bizzejjed biex jippermetti lill-prigiunier jattendi s-servizz religjuz u d-dfin f'kazijiet tal-mewt ta' qarib vicin;*

*(ii) ghal ragunijiet kompassjonevoli ghal perijodu li d-Direttur jikkunsidra li jkun zmien bizzejjed biex il-prigunier izur qarib vicin li jkun marid serjament;*

*(c) minghajr pregudizzju ghal partijiet ohra ta' dawn ir-regolamenti, leave mill-habs moghti skont il-paragrafi (a)u (b) ghandu jinghata bla hsara ghad-disposizzjonijiet tar-regolament 2 u tar-regolament 7(6);*

*(d) ghal perijodi li ma jeccedux tmien sighat f'xi jum wiehed ghal massimu ta' hmistax-il jum f'xi xahar wiehed sabiex prigunier ikun jista' jaghmel xoghol komunitarju;*

*(e) (i) ghal dawk il-perijodi li jkunu mehtiega sabiex prigunier jigi kkurat u rijabilitat mit-tehid tad-drogi gewwa facilita' jew komunita' terapewtika barra mill-habs approvata mill-Ministru, jew ghar-rigward ta' prigunier li jkun qed jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga gewwa l-habs, ghal dawk l-ghanijiet li jwasslu ghall-kura tal-prigunier;*

*(ii) ghal dawk il-perijodi skont kif ikun mehtieg biex prigunieri zghazagh jghaddu parti jew iz-zmien kollu tal-prigunerija taghhom f'istituzzjoni ghar-rijabilitazzjoni ta' hatjin zghazagh jew gewwa facilita' ohra simili skont kif approvat mill-Ministru;*

*(f) matul il-perijodu li jibda tliet xhur qabel id-data li fiha prgunier jista' jigi finalment mehlus sabiex il-prigunier ikun jista' ja]dem f'xi impieg, jew sabiex jircievi taghlim jew tahrig jew biex xort'ohra jigi*

*meghjun fit-tranziazzjoni tieghu mill-hajja tal-habs, izda kull leave mill-habs moghti taht dan il-paragrafu ma għandux ikun mogħti fis-Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi;*
*(g) bla hsara ghal kull ordni ohra li l-Ministru jista' jqis mehtiega, ghal dawk il-perjodi li jistghu jkunu mehtiega ghal prigunieri biex jaghmlu korsijiet ta' studju jew taghrif f'istituzzjonijiet jew facilitajiet edukattivi barra l-habs kif approvati mill-Ministru bil-ghan ta' titjib fl-edukazzjoni ta' prigunier u t-tkomplija tat-taghlim ta' prigunieri b'mod generali.*
*(2) (a) Leave taht dan ir-regolament jista' jinghata mid-Direttur bl-approvazzjoni tal-Ministru, jew ufficjal innominat mill-Ministru biex hekk jagixxi f'ismu, hlief f'kazjiet specjalment ur[genti li dwarhom dak il-leave jista' jing]ata mid-Direttur.*
*(b) Fil-kaz ta' prigunieri mhux ikkundannati kull awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, jekk mehtiega, ghandha tintalab qabel l-ghoti tal-leave.*
*(3) Il-kondizzjonijiet li jistghu jigu imposti fuq leave mill-habs taht dan ir-regolament ghandhom dejjem jinkludu, fost kondizzjonijiet ohra li jistghu jitqiesu xierqa, il-kondizzjonijiet li l-prigunier ghandu jghammar fl-indirizz specifikat fil-permess tal-leave u jirritorna hemmhekk ta' kuljum f'dak il-hin li jkun ordnat f'dak il-permess, u, meta t-tul tal-perijodu tal-leave ikun jippermetti, jibqa' f'kuntatt ta' kuljum ma', jew taht is-sorveljanza ta', ufficjal kompetenti msemmi fil-permess.*
*..... omissis .......*

*(5) Prigunier li jinghata leave taht dan ir-regolament jista'jissejjah lura l-habs f'kull hin sew jekk il-kondizzjonijiet tal-leave tieg]u ikunu nkisru sew jekk le.*
*(6)Minbarra l-kazijiet ta' leave moghti taht is-subparagrafu(1)(a),(b)(c) jew (e) u l-kazijiet ta' kull leave temporanju iehor ta' assenza ta' prigunier mill-habs moghti minn qorti kompetenti jew awtorità ohra kompetenti, dan ir-regolament japplika biss ghal prigunieri kkundannati li jkunu gabu rwiehom tajjeb b'mod regolari fil-habs, ikunu ghamlu progress sodisfacenti matul il-programm ta' trattament taghhom u ma jkunux meqjusa bhala perikoluzi ghas-socjetà.*
*.........omissis .......''*

**Protezzjoni minn Trattament Inuman u Degradanti - Allegat Ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

Illi **l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi li :

"*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita.*

Skont l-**Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja:** "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

Ikkonsidrat li l-artikolu 3 (u dan japplika wkoll ghall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) hija wahda mid-drittijiet l-aktar fondamentali protetti mill-Konvenzjoni flimkien mad-dritt ghall-hajja. Id-dritt huwa wiehed assolut u jimponi wkoll obbligazzjonijiet pozittivi fuq l-Istat li jipprevjeni li dan isir u li jinvestiga minghajr dewmien kull kaz fejn dan isehh.

Illi dawn l-artikoli jitkellmu mhux biss dwar trattament inuman jew degradanti izda wkoll dwar piena inumana jew degradanti.

Illi hekk kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzonali fil-kaz **Joseph Ellul Grech v Avukat Generali et** (19 ta' April 2016):

*"28. L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu illi l-ebda persuna ma għandha tiġi assoġġettata għal tortura jew għal piena jew trattament inuman jew degradanti. L-Artikoli msemmija jittrattaw minn tipi differenti ta' imġieba projbita li kull waħda minnhom tirrifletti grad ta' severita` wieħed ikbar mill-ieħor. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni għaliex it-tortura ċertament dejjem u*

*f'kull każ tammonta tal-anqas għal trattament inuman u degradanti*[5]"

Illi tenut kont tal-premess il-Qorti ser tqies dawn iz-zewg artikoli flimkien.

Ikkonsidrat li d-dritt sancit bl-artikolu 3 huwa wiehed mill *core rights* tal-Konvenzjoni. Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **O'Keefe v Ireland** [6]**: "**1*. The Court reiterates that Article 3 enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment. The obligation on High Contracting Parties under Article 1 of the Convention to secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in the Convention, taken in conjunction with Article 3, requires States to take measures designed to ensure that individuals within their jurisdiction are not subjected to torture or inhuman or degrading treatment, including such ill-treatment administered by private individuals."*

Biex jinsab li jkun hemm trattament inuman jeħtieġ li jkun hemm *"severe suffering"* kif ukoll ghandu jirrizulta li kien hemm *"a minimum level of severity."* Dan l-eżami huwa wieħed relattiv u jiddependi miċ-ċirkustanzi kollha

---

[5] Q Kost. **Alfred Degiorgio et. v. Avukat Generali et**., 5/4/2013, # 25; Ara wkoll fost ohrajn Q. Kost. **Giuseppa Galea v. Segretarju tad-Djar**, 20/7/1977; **Fenech v. Kummissarju tal-Pulizija**, 20/2/1979**; Wilch v. Segretarju Parlamentari ghad-Djar et,** 11/10/1989; ECHR **Mostipan v. Russia**, 16/10/2014, #49; Issir riferenza wkoll ghal Theory and Practice of the European Convention on Human Rights: 4th ed., **van Dijk, van Hoof, van Rijn and Leo Zwaak**.,p.40

[6] ECtHR - 29 ta' Jannar 2014 (Application no. 35810/09).

partikolari tal-kaz. Fil-kawza "**Maneh Essa et vs Kummissarju tal-Pulizija et**" deciza fis-16 ta' Diċembru 2009 ġie ritenut illi "*t-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna 'intense physical and mental suffering'*". Inoltre s-sofferenza tista' tkun kemm mentali kif ukoll fizika.

B'danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 imsemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni neċessarjament allaċċjati ma' xi forma partikolari ta' trattament leġittimu jew piena.[7] Miżuri li jneħħu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bħal dawk imsemmija iżda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta' miżura leġittima ma għandhiex tassoġġetta lill-persuna għal tbatija ta' intensita` tali li teċċedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-miżura.

Hekk kif gie ribadit mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Kudla v Poland[8]:** *"2. The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them. On the other hand, the Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go*

[7] **Ellul Grech v Avukat Generali et.**
[8] ECtHR - 26 ta' Ottubru 2000 (*Application* no. 30210/96).

*beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (see, mutatis mutandis, the* ***Tyrer v. the United Kingdom*** *judgment of 25 April 1978, Series A no. 26, p. 15, § 30; the* ***Soering v. the United Kingdom*** *judgment of 7 July 1989, Series A no. 161, p. 39, § 100; and V****. v. the United Kingdom*** *cited above, § 71)."*

Dan gie wkoll riaffermat mIl-Qorti Ewropeja, fil-kaz **ADEN AHMED v. MALTA**[9] fejn fissret il-protezzjoni akkordata bl-artikolu 3 fis-segwenti termini:

"3. *The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see* ***Riad and Idiab v. Belgium****, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008)."*

[9] Deciza fid-9 ta' Dicembru 2013 (App. no. 55352/12).

Illi f'sentenza l-aktar recenti tal-Qrati taghna fil-kaz fl-ismijiet **Brian Vella v Avukat Generali** - (PA (Kost) JRM - deciza fit-22 ta' Marzu 2018 il-Qorti rribadiet hekk:

*"Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xi ħadd jittratta lil xi ħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[10]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw b'mod preventiv li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravita' u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skont in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xi ħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severita` li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;"*

*"... ... Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[11], liema trattament*

---

[10] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke *The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports* (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117

[11] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***

*"covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering"*[12]*;*

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jigi ritenut li din l-azzjoni ma tattakkax l-ebda parti mill-proċess kriminali li r-rikorrent kien suġġett għalih u lanqas tittenta li timpunja sostantivament is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ikkonfermat dik tal-ewwel istanza. L-ilment, fil-qofol tieghu, jikkoncerna l-piena erogata mill-Qorti fiz-zewg istanzi imsemmija li ma tippermettix il-possibilita' ta' rilaxx jew revizjoni tal-piena, kif ukoll in-nuqqas sistemiku fil-ligi taghna biex tipprovdi mekkanizmu xieraq biex dan isehh. Essenzjalment din il-Qorti trid tistharreg jekk fis-sentenza inflitta fuq ir-rikorrent, u / fis-sistema taghna, qed jinghata "*prospect of release on legitimate penological grounds"* liema principju huwa l-kejl stabbilit mill-Qorti Ewropea, u abbraccjata mill-Qorti Kostituzzjonali taghna, sabiex sentenza ghall-ghomor tkun kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Illi jsegwi li l-iskrutinju tal-Qorti mhix limitata ghall-kwistjoni tal-proporzjonalita' tal-piena, imma ghall-konformita' mal-principju appena enuncjat.

Illi hawnhekk tajjeb li jigi senjalat li din il-Qorti ma tara xejn sproporzjonata fil-piena imposta fuq ir-rikorrent. Anzi tikkonsidra li piena ta' ghomor il-habs kienet wahda gusta u proporzjonata fic-cirkustanzi ta' delitt li hasdet il-hajja ta'

---

[12] K Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575

tliet persuni u halliet ir-raba' persuna feruta gravament. Taqbel perfettament mal-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta kkonfermat il-piena moghtija mill-Qorti Kriminali. Fl-istess vena takkolji wkoll is-sottomissjoni tal-Avukat Generali li "*Tassew kazijiet ta' qtil multiplu ma jistghux jigu ttollerati bl-ebda mod. Anzi l-Istat huwa fid-dmir li jaghmel pieni horox ghal dawn it-tipi ta' reati halli b'hekk johloq disincentiv f'mohh dak li jghaddilu minn mohhu jaghmel atti atroci bhal dawn u fl-istess waqt jibghat messagg qawwi li huwa ghandu ghall-qalbu l-harsien tas-socjeta."*[13]

Illi taghmel referenza ghall-ispjegazzjoni incisiva dwar l-iskop ta' piena karcerarja moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Norbert Vella**[14]:

*"69. Illi din il-Qorti tagħraf li l-għoti ta' piena karċerarja taqdi żewġ għanijiet: waħda punittiva li taħseb li tagħti kastig għar-reat li jkun twettaq, u għalhekk, sa ċertu punt, riparatriċi tal-ħsara li tkun ġabet lil ħaddieħor jew lil ġidu, jew preventiva ta' ħsara li tista' ssir lil ħaddieħor f'każ li l-ħati jtenni jwettaq il-ħsara; u l-oħra riformatriċi, fejn il-persuna misjuba ħatja "tingħata lezzjoni" bil-għan li titgħallem min-nuqqasijiet tagħha bit-tama li tinbidel u eventwalment terġa' ssib postha fi ħdan is-soċjeta'. Fil-każ tal-piena ta' għomor fil-ħabs, imħaddma b'mod inflessibbli, tista' titqajjem il-kwestjoni tan-nuqqas ta' ħarsien ta' dan it-*

[13] Nota ta' sottomissjonijiet para.20.
[14] 30 ta' Novembru 2017

*tieni aspett. Minħabba f'hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet tqajmet fil-Qrati l-kwistjoni dwar jekk piena bħal dik iġġibx ksur tal-jedd fundamentali li l-ebda persuna, lanqas waħda li tkun instabet ħatja ta' reat wara proċess ġudizzjarju xieraq, ma għandha tingħata trattament inuman jew degradanti."*

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Ewropea jaghtu rikonoxximent u applikazzjoni ghal dawn il-principji. Madanakollu huwa assodat li piena ta' ghomor il-habs mhix fiha nnifisha lesiva tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u li "*a life sentence does not become irreducible by the mere fact that in practice it may be served in full. No issue arises under Article 3 if a life sentence is de jure and de facto reducible* ***(see Kafkaris, cited above, § 98"*** **(Vinter and Others v United Kingdom § 108).**

Illi fl-istess kaz appena ccitat ta' **Vinter and Others v United Kingdom,**[15] il-Qorti Ewropea irriteniet :

*"4. In addition, as the Court of Appeal observed in* ***R v. Oakes*** *(see paragraph* ***Error! Reference source not found.*** *above), issues relating to just and proportionate punishment are the subject of rational debate and civilised disagreement. Accordingly, Contracting States must be allowed a margin of appreciation in deciding on the appropriate length of prison sentences for particular*

[15] Grand Chamber 9 ta' Lulju 2013, (Applications nos. 66069/09, 130/10 and 3896/10).

*crimes. As the Court has stated, it is not its role to decide what is the appropriate term of detention applicable to a particular offence or to pronounce on the appropriate length of detention or other sentence which should be served by a person after conviction by a competent court (see T**. v. the United Kingdom** [GC], no. 24724/94, § 117, 16 December 1999; **V. v. the United Kingdom** [GC], no. 24888/94, § 118, ECHR 1999-IX; and **Sawoniuk v. the United Kingdom** (dec.), no. 63716/00, ECHR 2001-VI)."*

*"5. For the same reasons, Contracting States must also remain free to impose life sentences on adult offenders for especially serious crimes such as murder: the imposition of such a sentence on an adult offender is not in itself prohibited by or incompatible with Article 3 or any other Article of the Convention (see **Kafkaris,** cited above, § 97). This is particularly so when such a sentence is not mandatory but is imposed by an independent judge after he or she has considered all of the mitigating and aggravating factors which are present in any given case."*

Illi l-principji li jirregolaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni fil-kuntest ta' *whole life sentences* gew riaffermati fis-sentenza aktar recenti tal-Grand Chamber fil kaz ta' **Hutchinson v The United Kingdom**[16]**:**

[16] Dec fis-17 ta' Jannar 2017 (*Application* no. 57592/08)

*"6. The relevant principles, and the conclusions to be drawn from them, are set out at length in the* ***Vinter judgment*** *(cited above, §§ 103-122; recently summarised in* ***Murray v. the Netherlands*** *[GC], no. 10511/10, §§ 99-100, ECHR 2016). The Convention does not prohibit the imposition of a life sentence on those convicted of especially serious crimes, such as murder. Yet to be compatible with Article 3 such a sentence must be reducible 'de jure' and 'de facto', meaning that there must be both a prospect of release for the prisoner and a possibility of review. The basis of such review must extend to assessing whether there are legitimate penological grounds for the continuing incarceration of the prisoner. These grounds include punishment, deterrence, public protection and rehabilitation. The balance between them is not necessarily static and may shift in the course of a sentence, so that the primary justification for detention at the outset may not be so after a lengthy period of service of sentence. The importance of the ground of rehabilitation is underlined, since it is here that the emphasis of European penal policy now lies, as reflected in the practice of the Contracting States, in the relevant standards adopted by the Council of Europe, and in the relevant international materials (****Vinter and Others****, cited above, §§ 59-81)."*

*"7. As recently stated by the Court, in the context of Article 8 of the Convention, "emphasis on rehabilitation and reintegration has become a mandatory factor that the member States need to take into account in designing their*

*penal policies" (**Khoroshenko v. Russia** [GC], no. 41418/04, § 121, ECHR 2015; see also the cases referred to in Murray, cited above, § 102). Similar considerations apply under Article 3, given that respect for human dignity requires prison authorities to strive towards a life sentenced prisoner's rehabilitation (see **Murray**, cited above, §§ 103-104). It follows that the requisite review must take account of the progress that the prisoner has made towards rehabilitation, assessing whether such progress has been so significant that continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds (**Vinter and Others**, cited above, §§ 113-116). A review limited to compassionate grounds is therefore insufficient (ibid., § 127)."*

*"8. The criteria and conditions laid down in domestic law that pertain to the review must have a sufficient degree of clarity and certainty, and also reflect the relevant case-law of the Court. Certainty in this area is not only a general requirement of the rule of law but also underpins the process of rehabilitation which risks being impeded if the procedure of sentence review and the prospects of release are unclear or uncertain. Therefore prisoners who receive a whole life sentence are entitled to know from the outset what they must do in order to be considered for release and under what conditions. This includes when a review of sentence will take place or may be sought (**Vinter and Others,** cited above, § 122). In this respect the Court has noted clear support in the relevant comparative and international materials for a review taking place no later*

*than twenty-five years after the imposition of sentence, with periodic reviews thereafter (ibid., §§ 68, 118, 119 and 120). It has however also indicated that this is an issue coming within the margin of appreciation that must be accorded to Contracting States in the matters of criminal justice and sentencing (ibid., §§ 104, 105 and 120)."*

*"9. As for the nature of the review, the Court has emphasised that it is not its task to prescribe whether it should be judicial or executive, having regard to the margin of appreciation that must be accorded to Contracting States (**Vinter and Others**, cited above, § 120). It is therefore for each State to determine whether the review of sentence is conducted by the executive or the judiciary."*(sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi l-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz fl-ismijiet **Ben Hassine Ben Ali Wahid v L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika** abbraccjat dawn il-principji. Wara li rat l-izvilupp gurisprudenzjali fil-materja osservat hekk:

"*37. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti Ewropea l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna kkundannata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna kkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih*

*progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva ta' rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Inoltre, filwaqt li ġie ritenut li ma kienx il-kompitu tal-Qorti li tiddetermina meta kellha ssir ir-reviżjoni tal-piena ta' priġunerija għall-għomor il-Qorti osservat li l-materjal ta' dritt komparat u dritt internazzjonali quddiemha kien jindika li tali reviżjoni kellha ssir fi żmien mhux aktar tard minn ħamsa u għoxrin sena mill-impożizzjoni tas-sentenza għall-għomor b'dan li din ir-reviżjoni għandha tiġi segwita b'reviżjonijiet perjodiċi ulterjuri.*[17] "

Imbaghad kompliet:

"*50. Sabiex sentenza għall-għomor tkun kompatibbli mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx kif ukoll possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza.*[18] "

u

"51*. Għar-raġunijiet fuq mogħtija, kemm id-dispożizzjonijiet dwar prison leave kif ukoll il-prerogattiva ta' maħfra presidenzjali ma jissodisfawx ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jikkwalifikaw bħala mekkaniżmu ta' reviżjoni ta' sentenza*

[17] **Vinter and others,** #120; **Bodein v. France**, #55
[18] ECtHR *Grand Chamber*, **Vinter and others**, # 110; *Trabelsi* # 137;

*għall-għomor li permezz tiegħu jkun jista' jiġi stabbilit, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u li jkunu magħrufa mill-priġunieri meta jiġu biex jiskontaw is-sentenza tagħhom, jekk seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna kkundannata u seħħx fiha progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni b'tali mod illi d-detenzjoni tagħhom ma tibqax ġustifikata jew inkella li l-piena tagħhom għandha tiġi ridotta.* "

Dwar il-mekkanzimu ta' revizjoni, l-istess Qorti Ewropea fil-kaz **Murray v the Netherlands**[19] kompliet tizviluppa l-gurisprudenza fil-materja u rriteniet:

*"A Chamber of the Court held in a recent case that the assessment must be based on objective, pre-established criteria (see* ***Trabelsi v. Belgium****, no. 140/10, § 137, ECHR 2014 (extracts)). The prisoner's right to a review entails an actual assessment of the relevant information (see* ***László Magyar****, cited above, § 57), and the review must also be surrounded by sufficient procedural guarantees (see* ***Kafkaris,*** *cited above, § 105, and* ***Harakchiev and Tolumov****, cited above, § 262). To the extent necessary for the prisoner to know what he or she must do to be considered for release and under what conditions, it may be required that reasons be provided, and this should be safeguarded by access to judicial review (see* ***László Magyar,*** *cited above, § 57, and* ***Harakchiev and Tolumov****, cited above, §§ 258 and 262). Finally, in assessing whether the life sentence is reducible*

[19] ECtHR - 26 ta' April 2016 (*Application* no. 10511/10)

*de facto it may be of relevance to take account of statistical information on prior use of the review mechanism in question, including the number of persons having been granted a pardon (see* ***Kafkaris****, cited above, § 103;* ***Harakchiev and Tolumov****, cited above, §§ 252 and 262; and* ***Bodein,*** *cited above)."* B'emfasi fuq l-ghan riformatrici tal-pieni kompliet *" it would be incompatible with human dignity – which lay at the very essence of the Convention system – forcefully to deprive a person of his freedom without striving towards his rehabilitation and providing him with the chance to regain that freedom at some future date."*(Vide para 101-104 tas-sentenza).

Illi huwa car li r-rikorrent mhuwiex qed jilmenta li qed isofri xi tortura, u, filwaqt li jaqbel li sentenza ta' ghomor il-habs fiha innfisiha mhix lesiva tal-artikolu 3, jishaq li ma inghatax *(i) a prospect of release and (ii) a possibility of review."*

Difatti minn apprezzament tal-principju fuq enuncjati, din il-Qorti taqbel li l-jirrizulta li sabiex piena tkun kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, irid ikun hemm "*legitimate penological grounds for continued incarceration" (****Vinter)*** tenut kont il-kriterji kollha rilevanti inkluz l-ghanijiet ta' "*punishment, deterrence, public protection and rehabilitation."* Dan kollu jinnecessita' process ta' revizjoni permezz ta' kriterji oggettivi u certi li jinbeda mhux aktar tard minn 25 sena wara s-sentenza, li jista' jigi rivedut perjodikament. Persuna hekk kkundannata ghandu il-jedd li jkollu "*prospect of revision or release"* u ghandu jinghata t-taghrif dwar x'inhu mistenni minnu mas-sentenza.

Kif intqal fil-kaz **Trabelsi v Belgium**[20]

*"10........ The Court has, however, held that the imposition of an irreducible life sentence on an adult may raise an issue under Article 3 (see Kafkaris, cited above, § 97)*

*"11. This latter principle gives rise to two further ones. First of all, Article 3 does not prevent life prison sentences from being, in practice, served in their entirety. What Article 3 does prohibit is that a life sentence should be irreducible de jure and de facto. Secondly, in determining whether a life sentence in a given case can be regarded as irreducible, the Court seeks to ascertain whether a life prisoner can be said to have any prospect of release. Where national law affords the possibility of review of a life sentence with a view to its commutation, remission, termination or the conditional release of the prisoner, this will be sufficient to satisfy Article 3 (see* ***Kafkaris,*** *cited above, § 98, and references cited therein)."*

**Artiklu 2 tal-Kostituzzjoni**

Illi r-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tieghu, ttratta wkoll fuq **l-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni:** *"2. (1) Ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana*."

[20] ECtHR - 4 ta' Settembru 2014 (Application no. 140/10*).*

Illi r-rikorrent ssottometta fin-nota tiegu li l-effett tal-artikolu 2 huwa dak li jidetta morali pubblika li ghandha tkun dik tal-Knisja Kattolika Apostolika Rumana u l-Istat Malti huwa marbut li josserva "*l-istandards ta' morali pubblika kif ippredkati u ppratikati mill-Knisja Kattolika Apostolika Rumana."*[21]

Skont ir-rikorrent, l-insenjament tal-Knisja Kattolika hija fis-sens li l-piena ta' ghomor il-habs ghandha tigi abolita u jiccita minn indirizz tal-Qdusija Tieghu il-Papa Frangisku lill-*International Association of Penal Law* fit-23 ta' Ottubru 2014 fejn qal "*A life sentence is just a death penalty in disguise."*

Dan l-argument gie trattat u skartat bhala "*fieragh"* mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' **Ben Hassine Ben Ali Wahid** fuq citat,fejn il-Qorti ssenjalat li l-artikolu 2 mhuwiex fih innifsu l-fonti ta' drittijiet soggettivi iżda jagħti rikonoxximent ġuridiku lil stat ta' fatt storiku u ċioè li r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana hija dik imħaddna mill-maġġoranza kbira tal-poplu Malti. Skont l-**artikolu 1 tal-Kostituzzjoni,** kompliet il-Qorti "*L-Istat ta' Malta ma hux fondat fuq ir-Reliġjon imsemmija iżda hu bażat fuq il-prinċipju tad-demokrazija u fuq ix-xogħol u r-rispett tad-*

[21] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attur a fol 35. Dan l-artiklu kien gie emmendat bl-Att LVIII tal-1974. Il-Professur J.J. Cremona jghid hekk : "*The rest of section 2, under which the State originally guaranteed 'her proper spiritual and ecclesiastical functions and duties and to manager her own affairs' was replaced by a new provision to the effect that 'the authorities of the Roman Catholic Apostolic Church have the duty and the right to teach which principles are right and which are wrong."* L-artikolu jkompli jipprovdi dwar it-taghlim religjuz "*and religious teaching also formed the subject of an amendment to the provision dealing with freedom of conscience in the chapter entitled 'Fundamental Rights and Freedoms of the Individual."* **The Maltese Constitution and Constitutional History since 1813 pp 77, 78.**

*drittijiet fundamentali. Waqt li t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika indubbjament kien għajn ta' ispirazzjoni qawwija għal-leġislatur Malti matul iż-żminijiet il-pedament tal-ordinament ġuridiku tal-Istat Malti huma d-demokrazija, ix-xogħol u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imfissra awtorevolment minn din il-Qorti mdawwla mill-insenjament ta' dawk l-entitajiet internazzjonali mwaqqfa sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-obbligi li Malta assumiet taħt trattati u konvenzjonijiet internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, waqt li ċertament tapprezza u tirrispetta bil-kbir it-tagħlim tar-Religjon Kattolika, anke proprju għaliex din hi rikonoxxuta mill-Kostituzzjoni bħala r-religjon ta' Malta, din il-Qorti ma hiex marbuta fir-rwol ġudizzjarju tagħha b'dak mgħallem mill-istess Reliġjon mentri għandha taqdi l-funzjoni tagħha skont l-ordni ġuridiku Malti u l-obbligi internazzjonali assunti mill-Istat ta' Malta. "*

Illi l-kwistjoni quddiem din il-Qorti, bhal fil-kaz ta' Ben Hassine mhix jekk il-piena ta' priġunerija għall-għomor tmurx kontra t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika, iżda jekk hemmx ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, senjatament jekk bil-fatt li r-rikorrent ġie kundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru, allegatament mingħajr possibilita` ta' reviżjoni jew riduzzjoni, jammontax għal leżjoni tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni minn tortura jew trattament inuman jew degradanti.

Illi ghalhekk din is-sottomissjoni mhix ser tigi akkolta.

## Prerogattiva tal-Mahfra Presidenzjali u *Prison Leave*[22]

Illi l-Avukat Generali ssottometta li l-mahfra Presidenzjali hija mekkanizmu ta' revizjoni tal-piena konformi mad-dettami tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni kif ukoll u ghall-istess ragunijiet, is-sistema ta' *prison leave.* L-artikoli rillevanti gew citati testwalment *supra*.

Dwar il-mahfra, l-intimat jistrieh fuq il-pronunzjament, *inter alia,* tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Kafkaris v Cyprus**[23] fejn gie ritenut:

*"12. Admittedly, it follows from the above provisions that the prospect of release for prisoners serving life sentences in Cyprus is limited, any adjustment of a life sentence being only within the President's discretion, subject to the agreement of the Attorney-General. Furthermore, as acknowledged by the Government, there are certain shortcomings in the current procedure (see paragraph 91 above). Notwithstanding, the Court does not find that life sentences in Cyprus are irreducible with no possibility of release; on the contrary, it is clear that in Cyprus such sentences are both de jure and de facto reducible."*

[22] Ara reg. 61 tal-A.L. 118/1995 (kif emendat) (L.S. 260.03)
[23] Deciz fit-12 ta' Frar 2008 (Application no. 21906/04).

Illi l-mahfra Presidenzjali fis-sistema Cipriotta toqrob lil taghna. Izda fis-sentenzi li segwew, il-Qorti Ewropea approfondiet l-iskop riparattiv ta' *life sentences* specjalment fil-kazi fuq citati ta' **Vinter, Murray u Hutchinson.**

Kif gie ribadit b'mod l-aktar elokwenti fil-kaz ta' **Brian Vella:**

*"Illi madankollu, illum il-ġurnata jinsab aċċettat li sabiex sentenza ta' għomor il-ħabs ma tkunx tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' reviżjoni tal-qagħda. Dan jimplika li (i) persuna ma għandhiex tinżamm isservi sentenza jekk kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni penoloġika tajba biex dan jibqa' jsir, liema raġuni tista' tkun waħda punittiva, jew għall-ħarsien tal-pubbliku in ġenerali jew bil-għan li tibdel lill-persuna miżmuma; (ii) tqum il-biżgħa li persuna mitfugħa l-ħabs bla tama li qatt tinħeles jew bla possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza li tkun ingħatat ma tistax tpatti għal dak li tkun għamlet u aktar ma ttul is-sentenza anqas tkun proporzjonali mad-delitt li għalih tkun ingħatat; u (iii) l-aspett tar-rijabilitazzjoni tal-persuna mibgħuta l-ħabs huwa mistenni minn kull soċjeta' li tqiegħed id-dinjita' umana fil-qalba tal-valuri tagħha46. Huwa minnu li 'the balance between these justifications for detention is not necessarily static and may shift in the course of the sentence. What may be the primary justification for detention at the start of the sentence may not be so after a lengthy period into the service of the sentence. It is only by carrying out a review of the justification for the continued detention at an appropriate*

*point in the sentence that these factors or shifts can be properly evaluated' ”*[24]*;*

Huwa minnu li huwa fil-margni tal-apprezzament tal-Istati membri tal-Konvenzjoni li jaghzlu jekk il-mekkanizmu ta' revizjoni ghandu jkun gudizzjarju jew ezekuttiv. Izda taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent li m'ghandhiex tkun wahda arbitrarja u li l-kriterji ghar-revizjoni ghandhom ikunu stabbiliti minn qabel u joffru c-certezza, tant li l-prigunier jinghata t-taghrif kollu mehtieg mal-mument tal-applikazzjoni tal-piena.

Illi kemm hu hekk, ingħad li “*a whole life prisoner is entitled to know, at the outset of his sentence, what he must do to be considered for release and under what conditions, including when a review of his sentence will take place or may be sought. Consequently, where domestic law does not provide any mechanism or possibility for review of a whole life sentence, the incompatibility with Article 3 on this ground already arises at the moment of the imposition of the whole life sentence and not at a later stage of incarceration*”.[25]

Illi, il-fatt li, fis-sistema tagħna l-prerogattiva tal-mahfra Presidenzjali ma tiddependix minn kriterji preskritti jew minn xi proċedura stabbilita, jnaqqar ħafna mill-effikaċja ta’ din is-sistema biex jiżgura li ma jseħħx ksur tal-jedd tal-persuna sentenzjata li ma tingħatax trattament inuman jew

---

[24] **Kaz ta' Vinter v ir-Renju Unit fuq citat.**

[25] ECtHR . **8.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Harakchiev & Tomulov vs Bulgarija*** (App.. Nru. 15018/11) §§ 252, 255 u 261

degradanti. Huwa wisq evidenti li l-kriterji li jmexxu lill-President fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu mhumiex maghrufa fiz-zmien tal-ghotja tas-sentenza, u la huma certi, u lanqas pre-stabbiliti. Dan hu wkoll koncess mill-Avukat Generali li, izda, ssottometta li huwa aktar ta' gid jekk il-kriterji ma jissemmewx biex b'hekk il-prerogattiva tal-President tkun aktar wiesgha.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni li tista' xxejjen il-principju tac-certezza li giet identifikata bhala il-qofol ta' sistema penali pan-ewropea mmirata lejn ir-rijabilitazzjoni tal-pigunier **(Hutchinson)**. Il-ghan tar-rijabilitazzjoni gie sottolineat u emfasizzat bhala wiehed mill-principji li qieghed fic-centru tal-*European Penal Policy*. Dan hu rifless "*in the relevant standards adopted by the Council of Europe, and in the relevant international materials (**Vinter and Others**, cited above, §§ 59-81)."* Ghalhekk fil-bran fuq citata minn **Hutchinson,** gie ritenut li "*Certainty in this area is not only a general requirement of the rule of law but also underpins the process of rehabilitation which risks being impeded if the procedure of sentence review and the prospects of release are unclear or uncertain."*

Ghal dak li jirrigwarda il-*prison leave* huwa minnu li l-Qorti Ewropea f'**Kafkaris** irrikonoxxiet illi sentenzi ta’ għomor il-ħabs jistgħu jiġu kkonsidrati bħala “riduċibbli” *ai termini* tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk priġunier ikun mogħti l-opportunita’ biex japplika għar-“*release on licence*." Testwalment *"the existence of a system providing for consideration of the possibility of release is a factor to*

*be taken into account when assessing the compatibility of a particular life sentence with Article 3."*[26]

Illi jirrizulta li r-rikorrent ibbenefika perjodikament minn *prison leave* f'okkazzjonijiet importanti familjari hekk kif muri fil-prospett esebit minn **Saviour Lia** fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017. Izda anke minn semplici qari tar-Regolament 61 jirrizulta manifest li dan il-beneficcju ma jekwivalix ghar-riduzzjoni jew revizjoni tal-piena u lanqas huwa mmirat lejn dan l-iskop. Jofri biss parentesi qasir, l'aktar ta' ftit sighat, mill-hajja karcerarja, u ghal skopijiet umanitarji l-aktar marbutin mal-hajja familjari, jew sahha. Dan aparti mill-fatt li hemm certu tipi ta' *prison leave* li mhumiex accessibbli ghall-prigunieri kkundannati ghal ghomorhom (ad ez. *community work leave).* Huwa ghalhekk difficli ghal din il-Qorti li taccetta li ftit sighat ta' *prison leave* mehudin sporadikament tul is-snin jaghti dawk il-garanziji xierqa u effettivi sabiex jigi zgurat li ghad hemm "*legitimate penological grounds for the continued incarceration of the prisoner."*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali gja kellha l-okkazzjoni li tikkonsidra l-effikacja tal-mahfra Presidenzjali flimkien mas-sistema ta' *Prison Leave*, kemm fil-kaz ta' **Ben Hassine Ben Ali Wahid,** kif ukoll din il-Qorti kif diversament presjeduta **fil-kaz ta' Brian Vella**. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet li s-sistema mħadma taħt l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ma kienx jagħti ħarsien biżżejjed biex persuna li qiegħda sservi sentenza ta' għomor fil-ħabs ma

[26] **Kafkaris v Cyprus** §99

ġġarrabx ksur tal-jeddijiet tagħha kif imħarsin bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Kienet tal-istess fehma fejn jidħol is-sistema tal-'*prison leave*' imfassal fid-Direzzjoni Ġenerali Ministerjali maħruġa għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Ħabs u sabet li bosta miċ-ċirkostanzi li taħthom jingħata l-'*prison leave*' ma kienux jiddependu mill-imġiba tal-persuna li qiegħda sservi s-sentenza jew minn kemm inbidel, iżda minn ċirkostanzi li huwa ma jkollu l-ebda kontroll fuqhom. (Ara para 51 tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kkwotat *supra).*

Din hija l-posizzjoni attwali tal-Qorti Ewropea. Gja f'**Trabelsi** l-Qorti gharrfet li l-prerogattiva tal-mahfra Presidenzjali ma kenietx tissodisfa l-kriterji enuncjati kif gew zviluppati maz-zmien:

*"13. Until recently the Court had held that the sole possibility of adjustment of a life sentence was sufficient to fulfil the requirements of Article 3. It had thus ruled that the possibility of early release, even where such a decision was only at the discretion of the Head of State (see* ***Kafkaris,*** *cited above, § 103) or the hope of Presidential clemency in the form of either a pardon or a commutation of sentence (see* ***Iorgov v. Bulgaria*** *(no. 2), no. 36295/02, §§ 51 to 60, 2 September 2010) was sufficient to establish such a possibility."*

*"14. In* ***Vinter and Others****, cited above, the Court re-examined the problem of how to determine whether, in a given case, a life sentence could be regarded as reducible.*

*It considered this issue in the light of the prevention and rehabilitation aims of the penalty (§§ 112 to 118). With reference to a principle already set out in the* ***Kafkaris*** *judgment, the Court pointed out that if a life sentence was to be regarded as reducible, it should be subject to a review which allowed the domestic authorities to consider whether any changes in the life prisoner were so significant, and such progress towards rehabilitation had been made in the course of the sentence, as to mean that continued detention could no longer be justified on legitimate penological grounds (§ 119). Furthermore, the Court explained for the first time that a whole-life prisoner was entitled to know, at the outset of his sentence, what he must do to be considered for release and under what conditions, including when a review of his sentence would take place or could be sought. Consequently, where domestic law did not provide any mechanism or possibility for review of a whole-life sentence, the incompatibility with Article 3 on this ground already arose at the moment of the imposition of the whole-life sentence and not at a later stage of incarceration (§ 122).(Sottolinear ta' din il-Qorti)."*

**Rakkommandazzjoni skont l-aritkolu 493 tal-Kap 9**

Illi fil-kaz odjern, b'differenza mal-kaz ta' **Brian Vella,** r-rikorrent, permezz ta' ittra moghtija lilu, inghata r-rakkommandazzjoni tal-Qorti skont l-artikolu 493 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-perjodu minimu ta' inkarcerazzjoni ghandu jkun ta' 25 sena mis-sentenza. Din l-ittra inzammet mill-awtoritajiet tal-Habs. Dan ifisser li l-Qorti ezercitat id-

diskrezzjoni taghha sabiex ir-rikorrent ma jiskontax il-piena tieghu sal-mewt u li hu gie mgharraf b'dan mas-sentenza.

Illi r-rikorrent jilmenta li ma inghatax *sentence plan* u llum ghadu inkarcerat minnkejja t-trapass ta' 25 sena mill-inkarcerazzjoni tieghu fis-sena 1992. Mill-provi rrizulta li s'issa ma ressaqx talba skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni.

Illi l-Avukat Generali jargumenta li r-rakkommandazzjoni tal-Qorti Kriminali moghtija lir-rikorrent flimkien mal-prerogattiva Presidenzjali jikkostitwixxu taghrif bizzejjed dwar ir-riducibilita' tas-sentenza tieghu u ghalhekk joffru prospettiva jew ahjar tama ghall-helsien.

Illi izda, din il-Qorti gja ttrattat il-kwistjoni tal-mahfra Presidenzjali u sabet li ma toffrix mekkanzimu adegwat ghar-revizjoni/rilaxx. Anke bl-applikazzjoni tal-artikolu 493 tal-Kap 9. il-kwistjon dejjem tibqa' dwar liema huma dawk il-kriterji oggettivi, certi u pre-stabbiliti li ser jigu applikati fil-kaz tieghu, permezz ta' sistema ta revizjoni perjodika, sabiex jigi determinat jekk jikkwalifikax ghar-reintegrazzjoni fil-hajja barra mill-habs, flimkien mal-kondizzjonijiet ghar-rilaxx jekk jinstab li huwa rriforma ruhu u ma jikkostitwix periklu ghas-socjeta`. Illi effettivament fil-kaz ta' **Ben Hassine** r-rikorrent wkoll kien inghata ittra ta' rakkommandazzjoni u kien gja qabez il-minimu ta' snin rakkommandati meta pprezenta t-talba kostituzzjonali tieghu. Il-Qorti Kostituzzjonali xorta sabet lezjoni minnkejja li l-Qorti Kriminali kienet ezercitat id-diskrezzjoni taghha u

stabbilit perjodu minimu, f'dak il-kaz kien ta' 22 sena, wara liema kellu jigi kkonsidrat ghar-rilaxx.

**Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu premess, din il-Qorti ssib fondati l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent u ser tilqaghhom u ssib li bis-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Albert Ellul" tal-21 ta' Ottubru 1997 hekk kif ikkonfermata b'dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005 gie lez fil-kontront tieghu d-dritt fondamentali tieghu kif sancit bl-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre tqies li n-nuqqas ta' possibbilta` fis-sistema legali Maltija ta' mekkanizmu ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b'mod pre-stabbilit, oggettiv u cert, jilledi l-istess dritt.**

**RIMEDJU**

Illi r-rikorrent qed jitlob li jinghata rimedji xierqa inkluz il-hlas ta' kumpens xieraq.

Illi dwar ir-rimedju, huwa assodat li r-rimedju f'kaz ta' ksur tad-drittijiet fondamentali ghandu jkun xieraq u effettiv. Fil-kaz odjern din il-Qorti sabet li gie lez id-dritt tieghu skont l-artikolu 36 u 3 rispettivament *stante* li s-sentenza tieghu ma tipprovdix ghall-mekkanizmu li permezz tieghu jista' jigi determinat jekk jissoddisfax il-kondizzjonijiet penologici li jiggustifikaw ir-revizjoni jew ir-remissjoni tal-piena. Inoltre fis-sistema legali taghna, l-artikolu 22 tal-Att Dwar il-

Gustizzja Riparatrici (Kap 516) jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenzi, wara revizjoni da parti tal-**Bord ghat-Tnaqqis mis-Sentenzi** imwaqqaf bis-sahha tal-artikolu 20, izda dan ma japplikax ghal min qed jiskonta piena ta' ghomor prigunerija [ara subinciz 2] .

Ghaldaqstant ir-rimedju li ser taghti din il-Qorti ser tindirizza dan in-nuqqas fid-dawl tal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Ben Hassine.**

Illi dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, jigi notat li r-rikorrent ilu inkarcerat mit-18 ta' Mejju 1992 filwaqt li s-sentenza inghatat fil-21 ta' Ottubru 1997. Illi l-Qorti Ewropea stabbiliet bhala perjodu massimu "*no later than 25 years from the <u>imposition</u> of a whole life sentence" (Vinter).*(sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha titlaq minn dan il-principju fil-kaz in dizamina tenut kont tal-gravita' tad-delitti kommessi.

Ghaldaqstant din il-Qorti, bil-ghan li ma tibqax tissussisti vjolazzjoni tal-Artikolu 36[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna li mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997, u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, ir-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-*Bord tal-Parole* mwaqqaf bl-Att tal-2011 dwar il-Gustizzja Riparatrici (Kap 516 tal-Ligijiet ta' Malta) (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) li bis-sahha ta' din is-sentenza

jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha.

Il-Bord jkollu:

1. Is-setgha li jisma' bil-gurament, somministrat mic-*Chairperson*, lill-istess attur u dawk il-provi l-ohra li jidhirlu opportuni, fosthom billi jisma' lill-familjari tal-vittmi.

2. Jiddetermina jekk sehhewx bidliet sinifikanti tali fl-attur u sehhx progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li jrenduh mhux aktar ta' perikolu ghal individwi ohra u ghas-socjetà in generali.

3. Jiddetermina fid-dawl tar-rizultanzi u l-evalwazzjoni taghhom jekk id-detenzjoni ulterjuri tal-attur hijiex aktar gustifikata.

4. Ghalhekk, b'decizjoni motivata li tkun komunikata lir-rikorrent, lill-Avukat Generali u lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi, il-Bord jghid l-attur ghandux jinheles inkondizzjonatament jew, jekk le, f'kemm zmien ghandha ssir konsiderazzjoni mill-gdid fit-termini hawn delineati tal-piena imposta fuq l-attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza kif spjegat, tiddisponi mit-talbiet skont dan li gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Albert Ellul" tal-21 ta' Ottubru 1997 hekk kif ikkonfermata b'dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005 tivvjola d-drittijiet fondamentali tieghu senjatament **l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna li tkun i**k**kundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista' titlob reviżjoni jew remissjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien;

2. **Konsegwentement tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li n-nuqqas ta' possibbilta` fis-sistema legali Maltija ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b'mod ragenevoli tmur kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif inghad fit-talba precedenti.

3. **Tilqa' t-tielet talba** billi tordna li mal-gheluq ta' 25 sena mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Ottubru 1997, u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, ir-rikorrent ghandu jitressaq quddiem il-*Bord tal-Parole* mwaqqaf bl-Att tal-2011 dwar il-Gustizzja Riparatrici (Kap 516 tal-Ligijiet ta' Malta) (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) li bis-sahha ta' din is-sentenza jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha.

**Il-Bord jkollu:**

1. Is-setgha li jisma' bil-gurament, somministrat mic-Chairperson, lill-istess attur u dawk il-provi l-ohra li jidhirlu opportuni, fosthom billi jisma' lill-familjari tal-vittmi;

2. Jiddetermina jekk sehhewx bidliet sinifikanti tali fl-attur u sehhx progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li jrenduh mhux aktar ta' perikolu ghal individwi ohra u ghas-socjetà in generali;

3. Jiddetermina fid-dawl tar-rizultanzi u l-evalwazzjoni taghhom jekk id-detenzjoni ulterjuri tal-attur hijiex aktar gustifikata;

4. Ghalhekk, b'decizjoni motivata li tkun komunikata lir-rikorrent, lill-Avukat Generali u lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi, il-Bord jghid l-attur ghandux jinheles inkondizzjonatament jew, jekk le, f'kemm zmien ghandha ssir konsiderazzjoni mill-gdid fit-termini hawn delineati tal-piena imposta fuq l-attur.

**Tordna** lill-intimat l-Avukat Generali jhallas l-ispejjez tal-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' April 2018**